

**Brussell, 7 ta' Lulju 2026
(OR. en)**

10580/26

LIMITE

**CORLX 631
CFSP/PESC 924
RELEX 847
COEST 479
FIN 889**

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (UE) 2024/1485 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni
fir-Russja**

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2024/1485 dwar miżuri restrittivi
fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Russja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1485 tas-27 ta' Mejju 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Russja¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L, 2024/1485, 27.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1485/oj>

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2024/1485.
- (2) Fil-15 ta' Settembru 2025, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa, li nħatar mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, ippubblika rapport bit-titolu "Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa". Ir-rapport issottolinja li l-awtoritajiet Russi kienu qed ikomplu jużaw teknoloġiji ġodda biex jiġu ristretti l-libertà ta' espressjoni, l-aċċess għall-informazzjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni.
- (3) Fis-16 ta' Marzu 2026, id-Deputat Rappreżentant Permanenti tal-Unjoni Ewropea għan-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra f'Ġinevra għamel dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni fil-qafas tal-61 Sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti. Id-dikjarazzjoni kkundannat bl-aktar mod qawwi possibbli l-ksur kontinwu mir-Russja tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali fl-Ukrajna, bħal eżekuzzjonijiet sommarji ta' prigionieri tal-gwerra u detenuti ċivili, detenzjoni arbitrara, l-użu sistematiku u mifruq tat-tortura u forom oħra ta' trattament ħażin, inkluż l-istupru u vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru oħra relatata mal-kunflitt.
- (4) L-Unjoni tibqa' soda fil-kundanna tagħha tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tar-repressjoni fir-Russja.

- (5) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li li 11-il persuna fiżika u 5 entitajiet jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1485.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/1485 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1485 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

L-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1485 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elencar
"88.	Elena Gennadyevna BAGUDINA (bir-Russu: Елена Геннадьевна БАГУДИНА)	Pożizzjoni: Direttur Ġenerali ta' Communication Platform LLC Data tat-twelid: 11.3.1954 Nazjonalità: Russa Sess: Mara	Elena Bagudina hija d-Direttur Ġenerali ta' Communication Platform LLC, li hija sussidjarja ta' VK (preċedentement magħrufa bħala VKontakte), u l-iżviluppatur u l-maniġer tal-applikazzjoni tal-mowbajl appoġġata mill-istat Max. Fil-pożizzjoni tagħha bħala Direttur Ġenerali, hija responsabbli għall-iżvilupp u l-ġestjoni tal-applikazzjoni Max. L-iżvilupp tal-applikazzjoni Max kien issorveljat mis-Servizz Federali tas-Sigurtà (l-“FSB”), li stabbilixxa r-rekwiżiti li l-iżviluppaturi tal-applikazzjoni Max kellhom jissodisfaw. L-applikazzjoni Max trid tiġi installata minn qabel fuq il-mowbajls u t-tablets kollha mibjugħa fir-Russja u hija integrata mas-servizz Gosuslugi.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Skont diversi esperti, l-applikazzjoni Max għandha karatteristiċi estensivi ta' sorveljanza u tista' timmonitorja l-komunikazzjonijiet, inkluż l-użu tan-networks privati virtwali (il-“VPNs”), tiġbor data dwar applikazzjonijiet oħra installati fuq telefons, timmonitorja l-kotba tal-kuntatti, tidentifika il-post tal-utenti u tinstalla aġġornamenti awtonomi. L-introduzzjoni u l-promozzjoni tal-applikazzjoni Max mill-Istat Russu kienu akkumpanjati minn repressjoni u mblukkar ta' applikazzjonijiet indipendenti oħra, bħal WhatsApp u Telegram, kif ukoll permezz ta' kampanja biex jiġi limitat l-użu tal-VPNs, li kienu jippermettu lill-utenti jaċċessaw kontenut imblukkat fir-Russja. L-informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet Russi permezz tal-applikazzjoni Max serviet bħala bażi biex ċittadin Russu jiġi mmultat għal kontenut imtella' fuq l-applikazzjoni. Għalhekk, Elena Bagudina tipprovdi appoġġ tekniku għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, inkluż billi tassisti u tiffaċilita tali atti.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
89.	Dmitry Valerianovich GACHKO (bir-Russu: Дмитрий Валерьянович ГАЧКО)	Pożizzjoni: Direttur Ġenerali u sid aħħari ta' VAS Experts Data tat-twelid: 16.8.1976 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Dmitry Gachko huwa d-Direttur Ġenerali u s-sid aħħari tal-kumpanija b'responsabbiltà limitata VAS Experts, li timmanifattura, tiżviluppa u tbigħ hardware u software relatati mal-hekk imsejħa System of Operative Investigative Measures (SORM). Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Direttur Ġenerali u sid aħħari, huwa responsabbli għall-attivitàjiet ta' VAS Experts marbuta mal-manifattura u l-forniment ta' hardware u software relatati ma' SORM. SORM hija sistema ta' sorveljanza li ilha tintuża minn nofs is-snin biex tikkontrolla l-internet u l-komunikazzjonijiet mobbli fir-Russja, jiġifieri biex timmonitorja t-telefonati, l-emails, l-użu tal-internet, il-messaġġi b'test liberu u n-networks soċjali. Il-fornituri tal-mowbajls u tal-internet huma legalment meħtieġa jinstallaw SORM. Hija installata fiċ-ċentri tad-data Russi kollha u fil-punti kollha ta' skambju tal-internet u fi ħdan il-magni tat-tiftix ewlenin. It-traffiku tal-utenti jiġi kkupjat f'server separat jew f'ċentru tad-data disponibbli għas-Servizz Federali tas-Sigurtà (FSB). SORM tiġbor informazzjoni dwar il-post fiżiku tal-utenti, ix-xejriet tal-attività, il-ħin ta' meta l-jintuża l-apparat, l-imġiba tal-utenti u l-użu ta' SIM cards differenti f'apparat wieħed jew aktar. Tista' tintuża b'mod retroattiv u mingħajr l-għarfien tal-fornitur.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			SORM intużat biex tqiegħdu fil-mira ġurnalisti, personalitajiet tal-oppożizzjoni, gruppi ta' minoranza u ċittadini ordinarji. Intużat ukoll biex jiġu pproċessati partitarji tal-oppożizzjoni Russa, mexxejja bħal Alexei Navalny, organizzaturi ta' protesti, individwi li mexxew kontijiet tal-internet li kkritikaw l-awtoritajiet Russi jew li pproduċew rapporti dwar is-sitwazzjonijiet politiċi u attivisti li opponew il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. SORM intużat ukoll biex jinżammu b'mod preventiv individwi suspettati b'attivitajiet kontra l-gvern. SORM kellha impatt profond fuq il-kapaċità ta' ċittadini Russi li jaċċessaw informazzjoni imparzjali dwar il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Intużat ukoll biex timblokka t-traffiku minn eluf ta' siti web u servizzi tal-Punent u l-aċċess għalihom.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			VAS Experts hija involuta fl-iżvilupp, il-forniment u l-manutenzjoni ta' SORM, inkluż hardware u software integrat fin-networks tat-telekomunikazzjoni, u b'hekk tippermetti lill-aġenziji tal-intelligence jaċċessaw direttament it-traffiku kollu. VAS Experts hija fornitur ewlieni ta' SORM li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' interċettazzjoni mandati mill-FSB u tappoġġa l-operat tal-infrastruttura ta' sorveljanza tal-komunikazzjoni tar-Russja. VAS Experts topera f'qafas stabbilit u ssorveljat mill-awtoritajiet Russi. Dawn l-awtoritajiet japprovaw ir-rekwiżiti tekniċi għall-użu ta' SORM, jirrikjedu li l-operaturi jikkordinaw il-pjanijiet ta' implimentazzjoni, jissorveljaw il-konformità u jużaw it-tagħmir għal attivitajiet ta' interċettazzjoni diretta. Konsegwentement, VAS Experts tiżviluppa u tforni tagħmir iddisinjat speċifikament biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' sorveljanza stabbiliti mill-FSB. Għalhekk, Dmitry Gachko jipprovdi appoġġ materjali għal ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
90.	Sergey Anatolevich OVCHINNIKOV (bir-Russu: Сергей Анатольевич ОВЧИННИКОВ)	Pożizzjoni: Direttur Eżekuttiv u sid aħħari ta' Closed Joint-Stock Company "Norsi Trans" Data tat-twelid: 5.5.1955 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Ovchinnikov huwa d-Direttur Eżekuttiv u s-sid aħħari ta' Closed Joint-Stock Company "Norsi-Trans", li timmanifattura, tiżviluppa u tbigħ hardware u software relatati mal-hekk imsejħa System of Operative Investigative Measures (SORM). Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Direttur Eżekuttiv u sid aħħari, huwa responsabbli għall-attivitajiet ta' Norsi-Trans marbuta mal-manifattura u l-forniment ta' hardware u software relatati ma' SORM. SORM hija sistema ta' sorveljanza li ilha tintuża minn nofs is-snin biex tikkontrolla l-internet u l-komunikazzjonijiet mobbli fir-Russja, jiġifieri biex timmonitorja t-telefonati, l-emails, l-użu tal-internet, il-messaġġi b'test liberu u n-networks soċjali. Il-fornituri tal-mowbajls u tal-internet huma legalment meħtieġa jinstallaw SORM. Hija installata fiċ-ċentri tad-data Russi kollha u fil-punti kollha ta' skambju tal-internet u fi ħdan il-magni tat-tiftix ewlenin. It-traffiku tal-utenti jiġi kkupjat f'server separat jew f'ċentru tad-data disponibbli għas-Servizz Federali tas-Sigurtà (FSB). SORM tiġbor informazzjoni dwar il-post fiżiku tal-utenti, ix-xejriet tal-attività, il-ħin meta jintuża l-apparat, l-imġiba tal-utenti u l-użu ta' SIM cards differenti f'apparat wieħed jew aktar. Tista' tintuża b'mod retroattiv u mingħajr l-għarfien tal-fornitur.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			SORM intużat biex tqiegħdu fil-mira ġurnalisti, personalitajiet tal-oppożizzjoni, gruppi ta' minoranza u ċittadini ordinarji. Intużat ukoll biex jiġu pproċessati partitarji tal-oppożizzjoni Russa, mexxejja bħal Alexei Navalny, organizzaturi ta' protesti, individwi li mexxew kontijiet tal-internet li kkritikaw lill-awtoritajiet Russi jew ipproduċew rapporti dwar is-sitwazzjonijiet politiċi u attivisti li opponew il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. SORM intużat ukoll biex jinżammu b'mod preventiv individwi suspettati b'attivitajiet kontra l-gvern. SORM kellha impatt profond fuq il-kapaċità tar-Russi li jaċċessaw informazzjoni imparzjali dwar il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Intużat biex timblokka t-traffiku minn eluf ta' siti web u servizzi tal-Punent u l-aċċess għalihom.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Norsi-Trans hija involuta fl-iżvilupp, il-forniment u l-manutenzjoni ta' SORM, inkluż hardware u software integrat fin-networks tat-telekomunikazzjoni, biex b'hekk tippermettu lill-aġenziji tal-intelligence jaċċessaw direttament it-traffiku kollu. SORM tinkludi tagħmir ta' monitoraġġ installat fil-faċilitajiet ta' fornituri tat-telekomunikazzjoni. Tali tagħmir ta' monitoraġġ jipprovdi informazzjoni lill-aġenzija tal-intelligence tal-gvern Russu, inkluż dwar telefonati, messaġġi b'test liberu, emails u traffiku tal-internet. SORM tiffaċilita wkoll l-aċċess għal data ta' komunikazzjoni assoċjata ma' applikazzjoni ta' messaġġi, metadata, numri tal-mowbajl, identifikaturi tat-telefown, ġeolokalizzazzjoni, ismijiet, indirizzi tal-posta elettronika u indirizzi IP.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			Norsi-Trans hija fornitur ewlieni ta' SORM li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' interċettazzjoni mandati mill-FSB u tappoġġa l-operat tal-infrastruttura ta' sorveljanza tal-komunikazzjoni tar-Russja. Norsi-Trans topera f'qafas stabbilit u ssorvelja mill-awtoritajiet Russi. Dawn l-awtoritajiet japprovaw ir-rekwiżiti tekniċi għall-użu ta' SORM, jirrikjedu li l-operaturi jikkoordinaw il-pjanijiet ta' implimentazzjoni, jissorveljaw il-konformità u jużaw it-tagħmir għal attivitajiet ta' interċettazzjoni diretta. Konsegwentement, Norsi-Trans tiżviluppa u tforni tagħmir iddisinjat speċifikament biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' sorveljanza stabbiliti mill-FSB. Għalhekk, Sergey Ovchinnikov jipprovdi appoġġ materjali għal ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
91.	Mikhail Mikhailovich FOMIN (bir-Russu: Михаил Михайлович ФОМИН)	Pożizzjoni: Direttur Eżekuttiv ta' LLC Citadel Data tat-twelid: 22.3.1981 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Mikhail Fomin huwa d-Direttur Eżekuttiv ta' LLC Citadel. LLC Citadel topera f'Moska u Nizhny Novgorod u tiżviluppa, timplimenta u tipprovdi appoġġ għas-software u l-hardware tal-hekk imsejħa System of Operative Investigative Measures (SORM). LLC Citadel hija l-akbar manifattur u allegatament l-aktar fornitur importanti ta' hardware u software SORM fir-Russja. Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Direttur Eżekuttiv, Mikhail Fomin huwa responsabbli għall-attivitajiet ta' LLC Citadel marbuta mal-manifattura u l-forniment ta' hardware u software relatati ma' SORM.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			SORM hija sistema ta' sorveljanza li ilha tintuża minn nofs is-snin biex tikkontrolla l-internet u l-komunikazzjonijiet mobbli fir-Russja, jiġifieri biex timmonitorja t-telefonati, l-emails, l-użu tal-internet, il-messaġġi b'test liberu u n-networks soċjali. Il-fornituri tal-mowbajls u tal-internet huma legalment meħtieġa jinstallaw SORM. Hija installata fiċ-ċentri tad-data Russi kollha u fil-punti kollha ta' skambju tal-internet, u fi ħdan il-magni tat-tiftix ewlenin. It-traffiku tal-utenti jiġi kkupjat f'server separat jew f'ċentru tad-data disponibbli għas-Servizz Federali tas-Sigurtà (FSB). SORM tiġbor informazzjoni dwar il-post fiżiku tal-utenti, ix-xejriet tal-attività, il-ħin meta jintuża l-apparat, l-imġiba tal-utenti u l-użu ta' SIM cards differenti f'apparat wieħed jew aktar. Tista' tintuża b'mod retroattiv u mingħajr l-għarfien tal-fornitur.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			SORM intużat biex tqiegħdu fil-mira ġurnalisti, personalitajiet tal-oppożizzjoni, gruppi ta' minoranza u ċittadini ordinarji. Intużat ukoll biex jiġu pproċessati partitarji tal-oppożizzjoni Russa, mexxejja bħal Alexei Navalny, organizzaturi ta' protesti, individwi li mexxew kontinġent tal-internet li kkritikaw lill-awtoritajiet Russi jew ipproduċew rapporti dwar is-sitwazzjonijiet politiċi u attivisti li opponew il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. SORM intużat ukoll biex jinżammu b'mod preventiv individwi suspettati b'attivitajiet kontra l-gvern. SORM kellha impatt profond fuq il-kapaċità ta' ċittadini Russi li jaċċessaw informazzjoni imparzjali dwar il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Intużat ukoll biex timblokka t-traffiku minn eluf ta' siti web u servizzi tal-Punent u l-aċċess għalihom. LLC Citadel hija involuta fl-iżvilupp, il-forniment u l-manutenzjoni ta' SORM, inkluż hardware u software integrat fin-networks tat-telekomunikazzjoni, biex b'hekk tippermetti lill-aġenziji tal-intelligence jaċċessaw direttament it-traffiku kollu. SORM tinkludi tagħmir ta' monitoraġġ installat f'faċilitajiet ta' fornituri tat-telekomunikazzjoni. Tali tagħmir ta' monitoraġġ jipprovdi informazzjoni lill-aġenzija tal-intelligence tal-gvern Russu, inkluż dwar telefonati, messaġġi b'test liberu, emails u traffiku tal-internet. SORM tiffaċilita wkoll l-aċċess għal data ta' komunikazzjoni assoċjata ma' applikazzjoni ta' messaġġi, metadata, numri tal-mowbajl, identifikaturi tat-telefown, ġeolokalizzazzjoni, ismijiet u indirizzi tal-posta elettronika u indirizzi IP.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			LLC Citadel hija fornitur ewlieni ta' SORM li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' interċettazzjoni mandati mill-FSB u tappoġġa l-operat tal-infrastruttura ta' sorveljanza tal-komunikazzjoni tar-Russja. LLC Citadel topera f'qafas stabbilit u ssorveljat mill-awtoritajiet Russi. Dawn l-awtoritajiet japprovaw ir-rekwiżiti tekniċi għall-użu ta' SORM, jirrikjedu li l-operaturi jikkoordinaw il-pjanijiet ta' implimentazzjoni, jissorveljaw il-konformità u jużaw it-tagħmir għal attivitajiet ta' interċettazzjoni diretta. Konsegwentement, LLC Citadel tiżviluppa u tforni tagħmir iddisinjat speċifikament biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' sorveljanza stabbiliti mill-FSB. Għalhekk, Mikhail Fomin qed jipprovdi appoġġ materjali għal ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
"92.	Alexander Vladimirovich GNUTOV (bir-Russu: Александр Владимирович ГНУТОВ)	Požozzjoni: Kap tal-Kolonja Penali Nru 10 (mill-2024) eks Viçi Kap tal-Kolonja Penali Nru 10 (mill-2022 sal-2024) Data tat-twelid: 9.8.1980 Nazjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-passaport: 6100202615	Alexander Gnutov huwa l-Kap tal-Kolonja Penali Nru 10, li tinsab fil-villaġġ ta' Udarny fid-Distret ta' Zubovo-Polyansky tar-Repubblika ta' Mordovja. F'dik il-pożizzjoni, jissorvelja direttament u huwa responsabbli għall-azzjonijiet imwettqa fil-Kolonja Penali Nru 10, u naqas milli jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tad-detenuati u s-sikurezza tagħhom u ż-żamma tal-liġi u l-ordni. Għalhekk Alexander Gnutov huwa responsabbli għall-abbuż tal-priġunieri mwettaq mill-persunal tal-Kolonja Penali Nru 10.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Mijiet ta' prigionieri tal-gwerra Ukreni kif ukoll ċivili Ukreni maqbuda fit-territorji Ukreni okkupati nżammu fil-Kolonja Penali Nru 10. Eks detenuti jirrappurtaw trattament inuman u degradanti u tortura, inkluż xokkijiet elettriċi, swat, pożizzjonijiet ta' stress li jikkawżaw ulċeri trofiċi, vjolenza sesswali, eżekuzzjonijiet fittizji u ċ-ċaħda tal-kura medika. Il-persuni ċivili huma soġġetti għall-istess trattament bħall-prigionieri tal-gwerra u jinżammu mingħajr proċess jew status. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ilhom jirrappuraw dwar il-kundizzjonijiet inumani u t-tortura fil-Kolonja Penali Nru 10 mill-2012, inkluż fuq prigionieri Russi. Għalhekk, Alexander Gnutov huwa responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
93.	Alexei Vladimirovich ANASHKIN (bir-Russu: Алексей Владимирович АНАШКИН)	Pożizzjoni: Viċi Kap tal-Kolonja Penali Nru 10 Data tat-twelid: 9.6.1978 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-passaport: 8902524698	Alexei Anashkin huwa l-Viċi Kap tal-Kolonja Penali Nru 10 li tinsab fil-villaġġ ta' Udarny fid-Distrett ta' Zubovo-Polyansky tar-Repubblika ta' Mordovja. F'dik il-pożizzjoni, jissorvelja direttament u huwa responsabbli għall-azzjonijiet imwettqa fil-Kolonja Penali Nru 10, u naqas milli jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tad-detenuati u s-sikurezza tagħhom u ż-żamma tal-liġi u l-ordni. Għalhekk Alexei Anashkin huwa responsabbli għall-abbuż tal-priġunieri mwettaq mill-persunal tal-Kolonja Penali Nru 10.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Mijiet ta' prigionieri tal-gwerra Ukreni kif ukoll ċivili Ukreni maqbuda fit-territorji Ukreni okkupati nżammu fil-Kolonja Penali Nru 10. Eks detenuti jirrappurtaw trattament inuman u degradanti u tortura, inkluż xokkijiet elettriċi, swat, pożizzjonijiet ta' stress li jikkawżaw ulċeri trofiċi, vjolenza sesswali, eżekuzzjonijiet fittizji u ċ-ċaħda tal-kura medika. Il-persuni ċivili huma soġġetti għall-istess trattament bħall-prigionieri tal-gwerra u jinżammu mingħajr proċess jew status. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ilhom mill-2012 jirrappurtaw dwar il-kundizzjonijiet inumani u t-tortura f'din il-faċilità, inkluż fuq prigionieri Russi. Għalhekk, Alexei Anashkin huwa responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
94.	Egor Viktorovich AVERKIN (bir-Russu: Егор Викторович АВЕРКИН)	Pożizzjoni: Viċi Kap tal-Kolonja Penali Nru 10 Data tat-twelid: 8.10.1992 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-passaport: 8912267789	Egor Averkin huwa l-Viċi Kap tal-Kolonja Penali Nru 10 li tinsab fil-villaġġ ta' Udarny fid-Distrett ta' Zubovo-Polyansky tar-Repubblika ta' Mordovja. F'dik il-pożizzjoni, jissorvelja direttament u huwa responsabbli għall-azzjonijiet imwettqa fil-Kolonja Penali Nru 10 u naqas milli jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tad-detenuati u s-sikurezza tagħhom u ż-żamma tal-liġi u l-ordni. Għalhekk Egor Averkin huwa responsabbli għall-abbuż tal-priġunieri mwettaq mill-persunal tal-Kolonja Penali Nru 10.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Mijiet ta' prigionieri tal-gwerra Ukreni kif ukoll ċivili Ukreni maqbuda fit-territorji Ukreni okkupati nżammu fil-Kolonja Penali Nru 10. Eks detenuti jirrappurtaw trattament inumani u degradanti u tortura inkluż xokkijiet elettriċi, swat, pożizzjonijiet ta' stress li jikkawżaw ulċeri trofiċi, vjolenza sesswali, eżekuzzjonijiet fittizji u ċ-ċaħda tal-kura medika. Il-persuni ċivili huma soġġetti għall-istess trattament bħall-prigionieri tal-gwerra u jinżammu mingħajr proċess jew status. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ilhom mill-2012 jirrappurtaw dwar il-kundizzjonijiet inumani u tortura f'din il-faċilità, inkluż fuq prigionieri Russi. Għalhekk, Egor Averkin huwa responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
95.	Alexander Anatolevich GRISHANIN (bir-Russu: Александр Анатольевич ГРИШАНИН)	Pożizzjoni: Viċi Kap tal-Kolonja Penali Nru 10 Data tat-twelid: 6.10.1991 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-passaport: 8911222216	Alexander Grishanin huwa l-Viċi Kap tal-Kolonja Penali Nru 10 li tinsab fil-villaġġ ta' Udarny fid-Distrett ta' Zubovo-Polyansky tar-Repubblika ta' Mordovja. F'dik il-pożizzjoni, jissorvelja direttament u huwa responsabbli għall-azzjonijiet imwettqa fil-Kolonja Penali Nru 10, u naqas milli jaċċerta l-protezzjoni tad-drittijiet tad-detenuati u s-sikurezza tagħhom u ż-żamma tal-liġi u l-ordni. Għalhekk Alexander Grishanin huwa responsabbli għall-abbuż tal-priġunieri mwettaq mill-persunal tal-Kolonja Penali Nru 10.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Mijiet ta' prigionieri tal-gwerra Ukreni kif ukoll ċivili Ukreni maqbuda fit-territorji Ukreni okkupati nżammu fil-Kolonja Penali Nru 10. Eks detenuti jirrappurtaw trattament inumani u degradanti u tortura inkluż xokkijiet elettriċi, swat, pożizzjonijiet ta' stress li jikkawżaw ulċeri trofiċi, vjolenza sesswali, eżekuzzjonijiet fittizji u ċ-ċaħda tal-kura medika. Il-persuni ċivili huma soġġetti għall-istess trattament bħall-prigionieri tal-gwerra u jinżammu mingħajr proċess jew status. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ilhom mill-2012 jirrappurtaw dwar kundizzjonijiet inumani u tortura f'din il-faċilità, inkluż fuq prigionieri Russi. Għalhekk, Alexander Grishanin huwa responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
96.	Semyon Viktorovich KUZNETSOV (bir-Russu: Семен Викторович КУЗНЕЦОВ)	Pożizzjoni: Viċi Kap tal-Kolonja Penali Nru 10 Data tat-twelid: 18.11.1982 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-passaport: 79271857062	Semyon Kuznetsov huwa l-Viċi Kap tal-Kolonja Penali Nru 10 li tinsab fil-villaġġ ta' Udarny fid-Distrett ta' Zubovo-Polyansky tar-Repubblika ta' Mordovja. F'dik il-pożizzjoni, jissorvelja direttament u huwa responsabbli għall-azzjonijiet imwettqa fil-Kolonja Penali Nru 10, u naqas milli jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tad-detenuti u s-sikurezza tagħhom u ż-żamma tal-liġi u l-ordni. Għalhekk Semyon Kuznetsov huwa responsabbli għall-abbuż tal-priġunieri mwettaq mill-persunal tal-Kolonja Penali Nru 10.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Mijiet ta' prigionieri tal-gwerra Ukreni kif ukoll ċivili Ukreni maqbuda fit-territorji Ukreni okkupati nżammu fil-Kolonja Penali Nru 10. L-eks detenuti jirrappurtaw trattament inuman u degradanti u tortura inkluż xokkijiet elettriċi, swat, pożizzjonijiet ta' stress li jikkawżaw ulċeri trofiċi, vjolenza sesswali, eżekuzzjonijiet fittizji u ċ-ċaħda tal-kura medika. Il-persuni ċivili huma soġġetti għall-istess trattament bħall-prigionieri tal-gwerra u jinżammu mingħajr proċess jew status. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ilhom mill-2012 jirrappurtaw dwar kundizzjonijiet inumani u tortura f'din il-faċilità, inkluż fuq prigionieri Russi. Għalhekk, Semyon Kuznetsov huwa responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
97.	Ivan Vasilyevich VESHKIN (bir-Russu: Иван Васильевич ВЕШКИН)	Pożizzjoni: Viċi Kap tal-Kolonja Penali Nru 10 Data tat-twelid: 22.12.1991 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-passaport: 8903739994	Ivan Veshkin huwa l-Viċi Kap tal-Kolonja Penali Nru 10 li tinsab fil-villaġġ ta' Udarny fid-Distrett ta' Zubovo-Polyansky tar-Repubblika ta' Mordovja. F'dik il-pożizzjoni, jissorvelja direttament u huwa responsabbli għall-azzjonijiet imwettqa fil-Kolonja Penali Nru 10, u naqas milli jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tad-detenu u s-sikurezza tagħhom u ż-żamma tal-liġi u l-ordni. Għalhekk Ivan Veshkin huwa responsabbli għall-abbuż tal-priġunieri mwettaq mill-persunal tal-Kolonja Penali Nru 10.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Mijiet ta' prigionieri tal-gwerra Ukreni kif ukoll ċivili Ukreni maqbuda fit-territorji Ukreni okkupati nżammu fil-Kolonja Penali Nru 10. L-eks detenuti jirrappurtaw trattament inumani u degradanti u tortura, inkluż xokkijiet elettriċi, swat, pożizzjonijiet ta' stress li jikkawżaw ulċeri trofiċi, vjolenza sesswali, eżekuzzjonijiet fittizji u ċ-ċaħda tal-kura medika. Il-persuni ċivili huma soġġetti għall-istess trattament bħall-prigionieri tal-gwerra u jinżammu mingħajr proċess jew status. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ilhom mill-2012 jirrappurtaw dwar kundizzjonijiet inumani u tortura f'din il-faċilità, inkluż fuq prigionieri Russi. Għalhekk, Ivan Veshkin huwa responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
98.	Galina Vasilievna MOKSHANOVA (bir-Russu: Галина Васильевна МОКШАНОВА)	Pożizzjoni: Kap tal-Unità Medika Nru 13, Kolonja Penali Nru 10 Data tat-twelid: 16.1.1966 Nazjonalità: Russa Sess: Mara Numru tal-passaport: 8910200628	Galina Mokshanova hija l-Kap tal-Unità Medika Nru 13 tal-Kolonja Penali Nru 10 li tinsab fil-villaġġ ta' Udarny fid-Distrett ta' Zubovo-Polyansky tar-Repubblika ta' Mordovja. F'dik il-pożizzjoni, hija tippjana, tidderieġi, tordna u tiffaċilita attivitajiet imwettqa fis-servizzi mediċi tal-Kolonja Penali Nru 10. Għalhekk Galina Mokshanova hija responsabbli għall-abbuż tal-priġunieri mwettaq mill-persunal tal-Kolonja Penali Nru 10.	+"

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Mijiet ta' prigionieri tal-gwerra Ukreni kif ukoll ċivili Ukreni, maqbuda fit-territorji Ukreni okkupati nżammu fil-Kolonja Penali Nru 10. Eks detenuti jirrappurtaw trattament inuman u degradanti u tortura, inkluż xokkijiet elettriċi, swat, pożizzjonijiet ta' stress li jikkawżaw ulċeri trofiċi, vjolenza sesswali, eżekuzzjonijiet fittizji u ċ-ċaħda tal-kura medika. Il-persuni ċivili huma soġġetti għall-istess trattament bħall-prigionieri tal-gwerra u jinżammu mingħajr proċess jew status. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ilhom mill-2012 jirrappurtaw dwar kundizzjonijiet inumani u tortura f'din il-faċilità, inkluż fuq prigionieri Russi. Għalhekk, Galina Mokshanova hija responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor.	

(2) l-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi":

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"3.	VK (qabel magħruf bħala Mail.ru group, VK Company Limited) (bir-Russu: VK)	Indirizz: Moscow, 125167, Leningradsky prospekt 39, bld. 79 Vk.com Vk.company INN (Identifikazzjoni tat-taxxa Russa): 3900015862 TIN (TIN): 3900015862 OGRN (numru tar-reġistru kummerċjali): 1233900010585	VK hija waħda mill-kumpaniji teknoloġiċi ewlenin fir-Russja. Tipprovdi servizzi ta' email u chat u topera applikazzjonijiet u s-sit web tal-media soċjali VKontakte. VK hija l-kumpanija omm ta' Communication Platform LLC, l-iżviluppatur u l-manijer tal-applikazzjoni tal-mowbajl appoġġata mill-istat Max. L-iżvilupp tal-applikazzjoni Max kien issorveljat mis-Servizz Federali tas-Sigurtà (l-FSB), li stabbilixxa rekwiżiti li l-iżviluppaturi tal-applikazzjoni Max kellhom jissodisfaw. L-applikazzjoni Max trid tiġi installata minn qabel fuq il-mowbajls u t-tablets kollha mibjugħa fir-Russja, u hija integrata mas-servizz Gosuslugi.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			Skont għadd ta' esperti, l-applikazzjoni Max għandha karatteristiċi estensivi ta' sorveljanza u tista' timmonitorja l-komunikazzjonijiet, inkluż l-użu ta' networks privati virtwali (VPNs), tiġbor data dwar applikazzjonijiet oħra installati fuq it-telefowns, timmonitorja l-kotba tal-kuntatti, tidentifika l-post tal-utenti u tinstalla aġġornamenti awtonomi. L-introduzzjoni u l-promozzjoni tal-applikazzjoni Max mill-Istat Russu kienu akkumpanjati minn repressjoni u mblukkar ta' applikazzjonijiet indipendenti oħra, bħal WhatsApp u Telegram, kif ukoll permezz ta' kampanja biex jiġi limitat l-użu tal-VPNs, li kienu jippermettu lill-utenti jaċċessaw kontenut imblukkat fir-Russja. L-informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet Russi permezz tal-applikazzjoni Max serviet bħala bażi biex ċittadin Russu jiġi mmultat għal kontenut imtella' fuq l-applikazzjoni.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			L-applikazzjoni Max ibbenefikat minn ibblokkjar impost mill-gvern għall-aċċess għall-kompetituri tal-Punent u indipendenti, bħal Instagram, Facebook, Telegram u WhatsApp, li ppermetulha żżid id-dħul u s-sehem tagħha mis-suq. VK ikkooperat mal-awtoritajiet Russi fl-azzjonijiet repressivi tagħhom, inkluż billi pprovditilhom data dwar utenti tas-servizzi tagħha li tellgħu kontenut li jikkritika l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jew kontenut ieħor ipprojbit mill-awtoritajiet. VK ipparteċipat ukoll fil-projbizzjoni ordnata mill-gvern fuq l-użu ta' VPNs, li permezz tagħhom l-utenti Russi tal-internet setgħu qabel jaċċessaw kontenut indipendenti fuq l-internet. Għalhekk, VK tipprovdi appoġġ tekniku għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, inkluż billi tassisti u tiffaċilita tali atti.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
4.	Communication Platform LLC (bir-Russu: Акционерное Общество Инвестиционная Компания Коммуникационная Платформа)	Indirizz: PR-KT LENINGRADSKII D. 39, STR. 79, 125167 MOSCOW, Russian Federation www.complatform.ru mail@complatform.ru INN (Identifikazzjoni tat-taxxa Russa): 9714058267 TIN (TIN): 9714058267	Communication Platform LLC hija kumpanija sussidjarja ta' VK (li qabel kienet magħrufa bħala VKontakte) u hija l-iżviluppatur u l-manijer tal-applikazzjoni tal-mowbajl appoġġata mill-istat Max. L-iżvilupp tal-applikazzjoni Max kien issorveljat mis-Servizz Federali tas-Sigurtà (l-FSB), li stabbilixxa r-rekwiżiti li l-iżviluppaturi tal-applikazzjoni Max kellhom jissodisfaw. L-applikazzjoni Max trid tiġi installata minn qabel fuq il-mowbajls u t-tablets kollha mibjugħa fir-Russja u hija integrata mas-servizz Gosuslugi. Skont għadd ta' esperti, l-applikazzjoni Max għandha karatteristiċi estensivi ta' sorveljanza u tista' timmonitorja l-komunikazzjonijiet, inkluż l-użu ta' networks privati virtwali (VPNs), tiġbor data dwar applikazzjonijiet oħra installati fuq telefowns, timmonitorja l-kotba tal-kuntatti, tidentifika l-post tal-utenti u tinstalla aġġornamenti awtonomi. L-introduzzjoni u l-promozzjoni tal-applikazzjoni Max mill-Istat Russu kienu akkumpanjati minn repressjoni u mblukkar ta' applikazzjonijiet indipendenti oħra, bħal WhatsApp u Telegram, kif ukoll permezz ta' kampanja biex jiġi limitat l-użu tal-VPNs, li kienu jippermettu lill-utenti jaċċessaw kontenut imblukkat fir-Russja.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			L-informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet Russi permezz tal-applikazzjoni Max serviet bħala bażi biex ċittadin Russu jiġi mmultat għal kontenut intella' fuq l-applikazzjoni. Għalhekk, Communication Platform LLC qed tippovdi appoġġ tekniku għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, inkluż billi tassisti u tiffaċilita tali atti.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
5.	VAS Experts (bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью Вас Эксперте)	Indirizz: Saint Petersburg, Avenue Liteyny 26, building a, office 5-13 OGRN: 1137847014337 INN (Identifikazzjoni tat-taxxa Russa) 7841476577	VAS Experts timmanifattura, tiżviluppa, u tbigħ hardware u software relatati mal-hekk imsejħa System of Operative Investigative Measures (SORM). SORM hija sistema ta' sorveljanza li ilha tintuża minn nofs is-snin biex tikkontrolla l-internet u l-komunikazzjonijiet mobbli fir-Russja, jiġifieri biex timmonitorja t-telefonati, l-emails, l-użu tal-internet, il-messaġġi b'test liberu u n-networks soċjali. Il-fornituri tal-mowbajls u tal-internet huma legalment meħtieġa jinstallaw SORM. Hija installata fiċ-ċentri tad-data Russi kollha u fil-punti kollha ta' skambju tal-internet, u fi ħdan il-magni tat-tiftix ewlenin. It-traffiku tal-utenti jiġi kkupjat f'server separat jew f'ċentru tad-data disponibbli għas-Servizz Federali tas-Sigurtà (FSB). SORM tiġbor informazzjoni dwar il-post fiżiku tal-utenti, ix-xejriet tal-attività, il-ħin meta jintuża l-apparat, l-imġiba tal-utenti u l-użu ta' SIM cards differenti f'apparat wieħed jew aktar. Tista' tintuża b'mod retroattiv u mingħajr l-għarfien tal-fornitur.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			SORM intużat biex tqiegħdu fil-mira ġurnalisti, personalitajiet tal-oppożizzjoni, gruppi ta' minoranza u ċittadini ordinarji. Intużat ukoll biex jiġu pproċessati partitarji tal-oppożizzjoni Russa, mexxejja bħal Alexei Navalny, organizzaturi ta' protesti, individwi li mexxew kontinġent tal-internet li kkritikaw lill-awtoritajiet Russi jew iproduċew rapporti dwar is-sitwazzjonijiet politiċi u attivisti li opponew il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. SORM intużat ukoll biex jinżammu b'mod preventiv individwi suspettati b'attivitajiet kontra l-gvern. SORM kellha impatt profond fuq il-kapaċità ta' ċittadini Russi li jaċċessaw informazzjoni imparzjali dwar il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Intużat ukoll biex timblokka t-traffiku minn eluf ta' siti web u servizzi tal-Punent u l-aċċess għalihom. VAS Experts hija involuta fl-iżvilupp, il-forniment u l-manutenzjoni ta' SORM, inkluż hardware u software li huwa integrat fin-networks tat-telekomunikazzjoni, biex b'hekk tippermettu lill-aġenziji tal-intelligence jaċċessaw direttament it-traffiku kollu. VAS Experts hija fornitur ewlieni ta' SORM li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' interċettazzjoni mandati mill-FSB u tappoġġa l-operat tal-infrastruttura ta' sorveljanza tal-komunikazzjoni tar-Russja.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			VAS Experts topera f'qafas stabbilit u ssorvelja mill-awtoritajiet Russi. Dawn l-awtoritajiet japprovaw ir-rekwiżiti tekniċi għall-użu ta' SORM, jirrikjedu li l-operaturi jikkoordinaw il-pjanijiet ta' implimentazzjoni, jissorveljaw il-konformità u jużaw it-tagħmir għal attivitajiet ta' interċettazzjoni diretta. Konsegwentement, VAS Experts tiżviluppa u tforni tagħmir iddisinjat speċifikament biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' sorveljanza stabbiliti mill-FSB. Għalhekk, VAS Experts tipprovdi appoġġ materjali għal ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
6.	Norsi Trans magħrufa wkoll bħala Closed Joint-Stock Company “Norsi- Trans” (bir-Russu: Закрытое Акционерное Общество “Норси- Транс”)	Indirizz: 127015 Moscow, Bolshaya Novodmitrovskaya Street 12, building 15, floor 2, room 36 Data tar-reġistrazzjoni: 16.1.2003 OGRN: 1037700030477 INN (Identifikazzjoni tat-taxxa Russa): 7705051215	Closed Joint-Stock Company "Norsi-Trans" timmanifattura, tiżviluppa u tbigħ hardware u software relatati mal-hekk imsejħa System of Operative Investigative Measures (SORM). SORM hija sistema ta' sorveljanza li ilha tintuża minn nofs is-snin biex tikkontrolla l-internet u l-komunikazzjonijiet mobbli fir-Russja, jiġifieri biex timmonitorja t-telefonati, l-emails, l-użu tal-internet, il-messaġġi b'test liberu u n-networks soċjali. Il-fornituri tal-mowbajls u tal-internet huma legalment meħtieġa jinstallaw SORM. Hija installata fiċ-ċentri tad-data Russi kollha u fil-punti kollha ta' skambju tal-internet, u fi ħdan il-magni tat-tiftix ewlenin. It-traffiku tal-utenti jiġi kkupjat f'server separat jew f'ċentru tad-data disponibbli għas-Servizz Federali tas-Sigurtà (FSB). SORM tiġbor informazzjoni dwar il-post fiżiku tal-utenti, ix-xejriet tal-attività, il-ħin meta jintuża l-apparat, l-imġiba tal-utenti u l-użu ta' SIM cards differenti f'apparat wieħed jew aktar. Tista' tintuża b'mod retroattiv u mingħajr l-għarfien tal-fornitur.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			SORM intużat biex tqiegħdu fil-mira ġurnalisti, personalitajiet tal-oppożizzjoni, gruppi ta' minoranza u ċittadini ordinarji. Intużat ukoll biex jiġu pproċessati partitarji tal-oppożizzjoni Russa, mexxejja bħal Alexei Navalny, organizzaturi ta' protesti, individwi li mexxew kontinġent tal-internet li kkritikaw lill-awtoritajiet Russi jew iproduċew rapporti dwar is-sitwazzjonijiet politiċi u attivisti li opponew il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Intużat ukoll biex jinżammu b'mod preventiv individwi suspettati b'attivitajiet kontra l-gvern. SORM kellha impatt profond fuq il-kapaċità tar-Russi li jaċċessaw informazzjoni imparzjali dwar il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Intużat ukoll biex timblokka t-traffiku minn eluf ta' siti web u servizzi tal-Punent u l-aċċess għalihom.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			Norsi-Trans hija involuta fl-iżvilupp, il-forniment u l-manutenzjoni ta' SORM, inkluż hardware u software li huwa integrat fin-networks tat-telekomunikazzjoni biex b'hekk tippermetti lill-aġenziji tal-intelligence jaċċessaw direttament it-traffiku kollu. SORM tinkludi tagħmir ta' monitoraġġ installat f'faċilitajiet ta' fornituri tat-telekomunikazzjoni. Tali tagħmir ta' monitoraġġ jipprovdi informazzjoni lill-aġenzija tal-intelligence tal-gvern Russu, inkluż fuq telefons, messaġġi b'test liberu, emails u traffiku tal-internet. SORM tiffaċilita wkoll l-aċċess għal data ta' komunikazzjoni assoċjata ma' applikazzjoni ta' messaġġi, metadata, numri tal-mowbajl, identifikaturi tat-telefown, ġeolokalizzazzjoni, ismijiet, indirizzi tal-posta elettronika u indirizzi IP. Norsi-Trans hija fornitur ewlieni ta' SORM li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' interċettazzjoni mandati mill-FSB u tappoġġa l-operat tal-infrastruttura ta' sorveljanza tal-komunikazzjoni tar-Russja.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			Norsi-Trans topera f'qafas stabbilit u ssorveljat mill-awtoritajiet Russi. Dawn l-awtoritajiet japprovaw ir-rekwiżiti tekniċi għall-użu ta' SORM, jirrikjedu li l-operaturi jikkoordinaw il-pjanijiet ta' implimentazzjoni, jissorveljaw il-konformità u jużaw it-tagħmir għal attivitajiet ta' interċettazzjoni diretta. Konsegwentement, Norsi-Trans tiżviluppa u tforni tagħmir iddisinjat speċifikament biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' sorveljanza stabbiliti mill-FSB. Għalhekk, Norsi-Trans tipprovdi appoġġ materjali għal ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
7.	LLC Citadel (bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью “Цитадель”)	Indirizz: 127015 Moscow, Intra-city municipal territory municipal district Butyrsky, Novodmitrovskaya Street 2B OGRN: 1157746895690 INN(Russian tax ID): 9701012339 Indirizz: 603098, Nizhny Novgorod, pr. Gagarina, 50 (Korpus 9), BTS “Chiornaya Zhemchuzhina” OGRN: 1055238018098 INN (Identifikazzjoni tat-taxxa Russa): 5260146265	LLC Citadel topera f'Moska u Nizhny Novgorod u tiżviluppa, timplimenta u tipprovdi appoġġ għas-software u l-hardware tal-hekk imsejħa System of Operative Investigative Measures (SORM). LLC Citadel hija l-akbar manifattur u allegatament l-aktar fornitur importanti ta' hardware u software SORM fir-Russja. SORM hija sistema ta' sorveljanza li ilha tintuża minn nofs is-snin biex tikkontrolla l-internet u l-komunikazzjonijiet mobbli fir-Russja, jiġifieri l-monitoraġġ ta' telefonati, emails, l-użu tal-internet, messaġġi b'test liberu u networks soċjali. Il-fornituri tal-mowbajls u tal-internet huma legalment meħtieġa jinstallaw SORM. Hija installata fiċ-ċentri tad-data Russi kollha u fil-punti kollha ta' skambju tal-internet, il-magni tat-tiftix ewlenin. It-traffiku tal-utenti jiġi kkupjat f'server separat jew f'ċentru tad-data disponibbli għas-Servizz Federali tas-Sigurtà (FSB). SORM tiġbor informazzjoni dwar il-post fiżiku tal-, ix-xejriet tal-attività, il-ħin meta jintuża l-apparat, l-imġiba tal-utenti u l-użu ta' SIM cards differenti f'apparat wieħed jew aktar. Tista' tintuża b'mod retroattiv u mingħajr l-għarfien tal-fornitur.	“”.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			SORM intużat biex tqiegħdu fil-mira ġurnalisti, personalitajiet tal-oppożizzjoni, gruppi ta' minoranza u ċittadini ordinarji. Intużat ukoll biex jiġu pproċessati partitarji tal-oppożizzjoni Russa, mexxejja bħal Alexei Navalny, organizzaturi ta' protesti, individwi li mexxew kontinġent tal-internet li kkritikaw lill-awtoritajiet Russi jew iproduċew rapporti dwar is-sitwazzjonijiet politiċi u attivisti li opponew il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. SORM intużat ukoll biex jinżammu b'mod preventiv individwi suspettati b'attivitajiet kontra l-gvern. Kellha impatt profond fuq il-kapaċità tar-Russi li jaċċessaw informazzjoni imparzjali dwar il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u intużat biex timblokka t-traffiku minn eluf ta' siti web u servizzi tal-Punent u l-aċċess għalihom.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			LLC Citadel hija involuta fl-iżvilupp, il-forniment u l-manutenzjoni ta' SORM, inkluż hardware u software integrat fin-networks tat-telekomunikazzjoni, biex b'hekk tippermetti lill-aġenziji tal-intelligence jaċċessaw direttament it-traffiku kollu. SORM tinkludi tagħmir ta' monitoraġġ installat fil-faċilitajiet ta' fornituri tat-telekomunikazzjoni. Tali tagħmir ta' monitoraġġ jipprovdi informazzjoni lill-aġenzija tal-intelligence tal-gvern, inkluż telefonati, messaġġi b'test liberu, emails, u traffiku tal-internet. SORM tiffaċilita ukoll l-aċċess għal data ta' komunikazzjoni assoċjata ma' applikazzjoni ta' messaġġi, metadata, numri tal-mowbajl, identifikaturi tat-telefown, ġeolokalizzazzjoni, ismijiet, indirizzi tal-posta elettronika u indirizzi IP. LLC Citadel hija fornitur ewlieni ta' SORM li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' interċettazzjoni mandati mill-FSB u tappoġġa l-operat tal-infrastruttura ta' sorveljanza tal-komunikazzjoni tar-Russja.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			LLC Citadel topera f'qafas stabbilit u ssorveljat mill-awtoritajiet Russi. L-awtoritajiet japprovaw ir-rekwiżiti tekniċi għall-użu ta' SORM, jirrikjedu li l-operaturi jikkoordinaw il-pjanijiet ta' implimentazzjoni, jissorveljaw il-konformità u jużaw it-tagħmir għal attivitajiet ta' interċettazzjoni diretta. Konsegwentement, LLC Citadel tiżviluppa u tforni tagħmir iddisinjat speċifikament biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' sorveljanza. Għalhekk, LLC Citadel tipprovdi appoġġ materjali għal ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	